MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-21 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 115/2000/1

**Avviz Nru 115/00 – DM**

**Paola Camilleri u wliedu Anthony, Joseph, u Jennifer, Helen mart Emanuel Zahra, Marlene mart Aldo Scicluna u Teresa mart William Gauci ilkoll ahwa Camilleri u (2) Romeo, Silvio, Jesmond, Jason, Tessie, Anna mart Joseph Grech, Doris mart Jesmond Tonna, Carmen mart John Mary Casha u Marianne mart Emanuel Cassar ilkoll ahwa Micallef**

**vs**

**Nikola Bonello**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex jizgombra minn parti diviza u minn zewg terzi (2/3) divizi ta’ nofs (1/2) indiviz tal-ghelieqi kontigwi fil-limit tas-Siggiewi kuntrada ta’ Wied Costa sive Tal-

Haxlux imsejjha ta' Wied Costa sive s-Salvatur tal-kejl rispettiv ta' tlett mija u hamsa u sebghin punt sebgha metri kwadri (375.7m2) u elf mija u erba' u ghoxrin punt wiehed metri kwadri (1124.1m2) liema ghelieqi huma proprjeta tal-konvenuti ahwa Camilleri u ahwa Micallef rispettivament stante li qed jokkupahom minghajr titolu validu fil-ligi u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss; waqt li gie dikjarat li l-valur lokatizju rispettiv taz-zewg ghelieqi ma jeccedix is-somma ta' Lm300.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat- 30 ta' Settembru 1999 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Nikola Bonello fejn eccepixxa illi:-

1 In linea preliminari n-nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju minhabba li l-mara tal-konvenut m'hijiex imharka b'dan l-istess avviz;
2 In linea preliminari wkoll in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti billi l-ghelieqi kontigwi fil-limiti tas-Siggiewi kuntrada ta' Wied Costa sive tal-Haxlux imsejha ta' Wied Costa sive Is-Salvatur imsemmija fl-avviz tal-atturi qeghdin imqabbla ghand il-konvenut u ghalhekk il-kompetenza tispetta lill-Bord dwar il-kontroll tal-Kiri tar-Raba;
3 In linea preliminari wkoll l-atturi jridu jippruvaw it-titolu taghhom;
4 Fi kwalsiasi kaz il-konvenut jiddetjeni l-ghelieqi b'titolu ta' qbiela;
5 Ghalhekk it-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;
6 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi fil-25 t'April 2002 il-konvenut fis-seduta ta' dak in-nhar irtira l-ewwel (1) u t-tielet (3) eccezzjonijiet minnhu sollevati u ghalhekk il-Qorti qedghha tastjeni milli tiehu konnjezzjoni ulterjuri taghhom.

Fil-mertu l-konvenut qieghed jeccepixxi illi huwa ghandhu titolu validu ta' lokazzjoni fuq ir-raba in kwistjoni u ghalhekk it-talba attrici ma tistax tirnexxi.

Ghaldaqstant jispetta lill-istess konvenut li jgib provi sufficjenti rigwardanti it-titolu minnhu allegat sabiex ikun jista' jirribatti t-talbiet tal-atturi.

Min-naha taghhom, l-atturi, setghu jindikaw biss illi minn meta l-amministrazzjoni ta' tali raba waqet f'idejhom, huma ma sabu ebda registrazzjoni ta' xi gabillot jew ta xi lokazzjoni li kienet tirrigwarda r-raba in kwistjoni.

Isosstnu pero', illi kien biss wara l-kuntratt ta' divizjoni tal-1998 illi nnotaw illi l-hitan ta' dan ir-raba kienu gew rikostruwiti u ghalhekk indunaw bil-prezenza tal-konvenut illi kien qieghed jallega illi ghandhu l-pussess tar-raba in kwistjoni.

Mill-provi prodotti mill-konvenut, jirrizulta illi kemm huwa kif ukoll l-antenati vicini tieghu kienu jahdmu raba fil-vicinanzi jew jahdmu parti diviza mill-istess raba kif ukoll ir-raba in kwistjoni.

Dan ir-raba kien maqsum bejn diversi sidien u, skond l-allegazzjoni tal-konvenut, kien kollu ghand il-familja tieghu bi qbiela.

Ghaldaqstant il-prova li tispetta lill-konvenut hija mhux biss illi hu kien fil-pussess tar-raba in kwistjoni, izda ukoll illi l-qbiela li kien ihallas kienet qbiela li tithallas ghall-pussess u tgawdija ta' l-porzjonijiet divizi illi llum hemm il-kawza fuqhom.

Il-konvenut isosstni illi fuq il-porzjonijiet divizi in kwistjoni kienet tithallas il-qbiela ta Lm1 (lira Maltija) fis-sena u liema qbiela kienet, fl-ahhar tas-snin sittin, tithallas lill-familja Vassallo La Rosa, bl-ahhar ricevuta, dik rilaxxata fl-1967 fil-librett esibit minnhu (dokument 1 konsistenti f'12 il-pagna u li jinsab a fol 106 tal-process).

Ghalhekk, billi l-ircevuti ppresentati, fil-kitba taghhom ma jaghmlu ebda riferenza specifika ghar-raba in kwistjoni, biex il-Qorti tista tikkonkludi jekk din il-qbiela kienetx effettivament tirreferri ghal xi lokazzjoni dwar ir-raba in kwistjoni trid ikollha prova ohra illi l-familja Vassallo La Rosa kienet b'xi mod tamministra r-raba in kwistjoni bi dritt li jircievu l-kera qabel is-sena 1968, meta Salvatore Micallef, l-antenat tal-atturi, kien akkwista l-porzjonijiet in kwistjoni. Infatti l-atturi stess, bhala prova tat-titolu taghhom ipprezentaw il-kuntratt ippubblikat min-Nutar Dr Carmelo Giuseppe Vella tal-1968, li jinsab esibit bhala dokument JC2 a fol 39 (tal-process).

Minn dan l-istess kuntratt jirrizulta stabbilit illi effettivament kienu l-ahwa Vassallo La Rosa illi kienu ttrasferew il-proprjeta tar-raba in kwistjoni lill-antenat tal-atturi, Salvatore Micallef, u dana fl-1968.

Dan ikompli jikkonferma ghaliex l-ircevuti f'idejn il-konvenut rilaxxati lill-missieru, Gianni Bonello, jirreferru biss sas-sena 1967, cioe l-ahhar sena qabel ma l-proprjeta tar-raba in kwistjoni giet trasferita lill-antenat tal-atturi.

Dawn ic-cirkostanzi wkoll jghatu kredibilita' lill-pretenzjoni tal-konvenut illi l-qbiela ma kienetx baqghet tithallas minhabba illi s-sidien il-godda (l-atturi) ma kienux gew rintraccati u definitivament ma jirrizultax mill-provi hawn prodotti illi saret xi interpellazzjoni lill-konvenut jew lill-missieru ghal hlas tal-qbiela.

Ghalhekk dawn ic-cirkostanzi jindikaw illi rigward ir-raba in kwistjoni, jew almenu l-parti kbira taghhom, kien jesisti ftehim validu ta' lokazzjoni u kwalunkwe allegazzjoni ulterjuri illi l-konvenut, li ma' l-mewt ta missieru jikkwalifika

bhala ‘kerrej’ fit-termini tal-Kap. 199 tal-Ligijiet ta Malta, setgha indekada minn dan it-titolu li kien igawdi missieru fl-1967, tesorbita minn gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti.

Ghaldaqstant il-Qorti qedgha tilqa t-tieni (2) eccezzjoni sollevata mill-konvenut u tiddikjara li m’ghandhiex il-kompetenza illi tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici u ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konnezzjoni ulterjuri taghhom.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------